**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Theresa u Anthony Muscat

vs

Empire Cinema / Polidano Leisure Limited

CCT 9/20/MM

Illum, 24 ta' Novembru 2020

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fil-15 ta' Jannar 2020 fejn talbu s-somma ta' tmenin Ewro (€ 80), prezz ta' erba' tickets b'valur ta' għoxrin Ewro (€ 20) il-wieħed u dawn għall-film ta' Andre Riu skedat għal nhar is-27 ta' Lulju 2019 fejn l-intimati minkejja li pprovdew is-servizz allegatament naqsu milli jixgħelu s-sistema tal-arja kkondizzjonata u b'hekk kien hemm ħafna sħana.

Ra illi minkejja li l-intimati ġew debitament notifikati ma daħħlu l-ebda risposta.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-fatti tal-każ jirriżulta li l-ilment primarju kien illi r-rikorrenti ma kienux sodisfatti bis-servizz offrut u ċioe l-fatt li minkejja li huma setgħu jaraw il-film mixtieq minnhom dan kien qiegħed jiġi muri mingħajr arja kkundizzjonata.

Illi r-rikorrenti xehdu quddiem it-Tribunal illi ġewwa c-*cinema* kien hemm ħafna sħana u minkejja li huma ċemplu lill-intimati sabiex jiġu rifużi lura l-flus, dawn l-ewwel kienu

offrewlhom biljetti oħra ġo *cinema* normali li ma ġewx aċċettati, sussegwentement ġew infurmati li kienu ser jirċievi l-flus lura iżda minn dan kollu ma sar xejn.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jinnota li kien hemm mill-inqas żewġ notifiki validi sabiex l-intimati jingħataw opportunita' jiddefendu l-każ kontra tagħhom, iżda minkejja li huma ġew debitament notifikati, xorta waħda għażlu li jinjoraw dawn l-opportunitajiet.

Illi t-Tribunal ma jistgħax ma jinnotax dan l-aġir, dan imsaħħaħ mad-depożizzjoni bil-ġurament tar-rikorrenti.

Illi lill'hinn min-nuqqas ta' kontestazzjoni tal-intimati, it-Tribunal xorta ser jgħaddi biex jikkonsidra jekk ir-ikorrenti humiex ġustifikati fit-talba tagħhom.

Illi fil-ġurnata ta' llum wieħed ma jistgħax jifred servizz bħal ma huwa *screening* ta' *film* ma' servizzi oħra anċillari, li jagħmel l-esperjenza pjaċevoli u sodisfaċenti fosthom li jkun hemm l-arja kkundizzjonata dan iktar u iktar meta dan l-*iscreening* sar f'Lulju.

Illi oltre dan, is-servizz mixtri mir-rikorrenti kien wieħed speċifiku, u ċioe l-*film* ta' Andre' Rieu bi prezz għola minn *films* normali, u għalhekk anki minn dan l-aspett, ir-rikorrenti kellhom raġun li ma jaċċettawx is-sostituzzjoni tal-biljetti tagħhom ma' biljetti oħra ta' *film* ieħor.

Illi t-Tribunal għalhekk iqis li r-rikorrenti kienu ġustifikati fit-talba tagħhom.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan l-avviż billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimati jirrifondu l-ammont ta' tmenin Ewro (€ 80) lir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mill-intimati.

Martha Mifsud LL.D
Arbitru